# IL-ĦAMES PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Inferjuri)

**29 ta' Jannar, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur John Mifsud)

*versus*

Emmanuel Vella, Lydia Cauchi u Michael Camilleri

**Deserzjoni ta' l-Appell – Drogi – *Entrapment***

*Il-kliem "fil-jum tas-smigħ ta' l-appell" fl-artikolu 422(1) tal-Kap. 9 jinkludi, oltre l-ewwel jum tas-smigħ, anke kull differiment sussegwenti inkluż id-differiment għas-sentenza.*

*Il-liġi tagħna ma tirrikonoxxi ebda "substantive defence of entrapment".*

*F'dan il-każ, fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza Taljana, il-Qorti rriteniet li l-attività ta' l-"agent provocateur" ma kinitx teskludi l-ħtija tal-ħati minħabba impossibilità assoluta li telimina t-tentattiv tar-reat.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputati li biha ġew akkużati talli

f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xhur, kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta u aktar talli f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xhur biegħu jew xort'oħra ttraffikaw il-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(e) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta; kontra Emmanuel Vella talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur ta' l-artikolu 8(ċ) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a fol. 15, 16, 17 tal-proċess biex dan il-każ jiġi ttrarttat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tas-17 ta' Jannar, 1986 li biha sabet lill-imputat Emmanuel Vella mhux ħati ta' l-akkuża ta' kultivazzjoni tal-pjanta Cannabis u minnha lliberatu iżda sabitu ħati u sabet ukoll lill-imputati l-oħra ħatja talli kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta u aktar talli biegħu jew xort'oħra ttraffikaw il-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(e) tal-Kap. 161 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li rat l-artikolu 8(d)(e) tal-Kap. 161 imsemmi u l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lill-ħati Emmanuel Vella għal tliet (3) snin priġunerija u elfejn lira Maltija (Lm2,000) multa, lill-ħatja Lydia Cauchi għal sentejn (2) priġunerija u għal multa ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) u lill-ħati Michael Camilleri għal sena u nofs priġunerija u għal multa ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1,500) u inoltre ordnat il-konfiska tal-vann E – 0428 u d-dokument L (flus), ordnat ukoll il-konfiska tad-droga kollha elevata u li l-istess droga kkonfiskata

tiġi distrutta taħt is-superviżjoni ta' Dr. Anthony Abela Medici u fl-aħħarnett ordnat ukoll li l-imputati jħallsu terz kull wieħed mill-ispejjeż inkorsi man-nomina tal-periti f'dil-kawża u dan fit-termini ta' l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali u dan wara li dik l-Onorabbli Qorti ta' Prim'Istanza kkunsidrat dak kollu li ġej u ċjoè:

''Illi d-difiża ta' Emmanuel Vella hi fis-sens li l-istqarrija li hu għamel mal-pulizija hi inammessibbli billi meħuda bil-forza u għalhekk mhix volontarja, u barra dina l-istqarrija m'hemmx prova oħra kontra tiegħu;

''Dwar l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità ta' stqarrija l-liġi kriminali tagħna fl-artikolu 654 tipprovdi:

''Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi'';

''F'dan il-każ l-imputat Vella qed jimpunja l-istqarrija li rrilaxxja għax jgħid li hu ma għamilx volontarjament imma għax ġie msawwat mill-pulizija. Jekk dana jirriżulta, il-fatti veri jridu jkunu jiġu ppruvati mill-prosekuzzjoni bi provi barranija, mingħajr ma jittieħed ebda każ tal-konfessjoni estorta. (Ara f'dan is-sens is-sentenza App. Krim. Il-Pulizija *vs* J. Ellul Sullivan tad-29-11-1982 u App. Krim. Il-Pulizija *vs* G. Spiteri tat-8-3-1984);

''Skond il-liġi tagħna anke jekk konfessjoni, għax meħuda

kontra l-liġi tkun inammissibbli bħala prova, jekk il-kontenut tagħha hu ssostanzjat bi provi oħrajn li ma kinux jinstabu kieku ma kienx għal dik l-istqarrija, dawn jistgħu jinġiebu bħala prova. (Noti Mamo p. 104 u App. Krim. Il-Pulizija *vs* G. Spiteri 8-3-84);

*Omissis;*

"Illi mill-provi prodotti jirriżulta li Emmanuel Vella ġie arrestat fil-25 ta' April, 1984, wara r-*raid li sar* F'*Manoel Island* fejn hu nstab fil-viċinanzi tad-dar ta' Lydia Cauchi. L-għada hu mar Għawdex mal-Pulizija li kienet qed tinvestiga dwar koltivazzjoni tal-Cannabis f'Għawdex. Aktar tard dak inhar hu għamel l-*istatement* lill-Pulizija, imbagħad fit-3 p.m. tas-26 ta' April, 1984 hu ntbagħat il-ħabs Kordin mill-*Vice Squad* fejn kien qed jiġi miżmum. Kif daħal il-ħabs, Vella, mill-ewwel għamel *complaint* maċ-*Chief Officer* Malvaney li hu kien ibati minn "uġiegħ fin-nifs". Fil-5.15 p.m. Vella ġie eżaminat mit-tabib tal-ħabs, Dr. Cordina li sab li Vella kellu:

"Grif superfiċjali fuq in-naħa tal-lemin ta' sidru fejn iċ-*cebicle* u n-naħa tar-raba' kustilja, kif ukoll tbenġil fl-istess post. It-tbenġila kienet ilha ġurnata fuqu. Il-kulur tagħha kien vjola. Kien hemm tbenġil fuq in-naħa tax-xellug ta' l-għonq u tbenġil żgħir fuq il-parti ta' fuq tal-widna tax-xellug. Kien hemm numru ta' grif superfiċjali fuq id-dahar kollu. Kellu diversi dilazzjonijiet u kienu qabdu jfiequ. Kien hemm numru ta' tbenġil bejn pulzier u nofs u erbgħa pulzieri fuq id-dahar kollu – l-aktar fuq in-naħa tax-xellug u li kienu jaslu sal-minkeb tax-xellug. Vella beda jgerger li kellu uġiegħ fuq il-kustilji bejn it-8 u l-10 kustilja taħt aptu. Il-ksur li kellu fil-kustilji jaqblu mat-tbenġil li kellu";

"fis-5.40 p.m. Vella ntbagħat l-isptar St. Luke's għal *X-Ray* u Dr. Dominic Agius li eżaminah sab l-imputat Vella *kellu* "ksur tad-9 u l-10 kustilja fil-parti ta' quddiem tagħhom". (P. 159 *tal-proċess*). Fis-7.20 p.m. Vella reġa' ntbagħat lura l-ħabs;

"L-imputat Vella ma xehedx fil-Qorti dwar il-feriti li allega li ġarrab, però esebixxa *X-Rays* u xiehda oħra li jikkonfermaw li hu ġie msawwat u li dana ġara waqt li kien f'idejn il-Pulizija. Meta Vella kien ġie arrestat hu ma kien qed ibati minn ebda ferita, u l-prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova kontrarja. Lil Dr. Cordina Vella kien qallu li kien ġarrab dawn il-feriti ġurnata qabel u ċjoè meta kien għadu arrestat. Ukoll meta Vella ddaħħal il-ħabs hu mill-ewwel ikkomplejna maċ-*Chief Officer* li kellu uġiegħ fin-nifs;

"Illi għalhekk il-Qorti tikkonkludi li fuq il-provi li hemm l-allegazzjoni ta' l-imputat Emmanuel Vella, hija fondata, u li jidher, almenu *'prima facie'*, hu ġie msawwat waqt li kien f'idejn il-Pulizija – **(Dwar min seta' għamel dan ir-reat fuq il-persuna ta' Emmanuel Vella u abbuża mill-poter tiegħu l-Qorti tħeġġeġ lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu dawk il-passi li jidhirlu xierqa f'dawn iċ-ċirkostanzi u għalhekk tordna li ssir komunika ta' din lill-istess Kummissarju fi żmien ġurnata)** – u tiddikjara li minħabba f'hekk l-istqarrija ta' Emmanuel Vella mhix ammissibbli bħala prova kontra tiegħu għax mhux magħmula volontarjament";

"Il-Qorti trid tara wara dan kollu, jekk *nonostante* l-esklużjoni ta' l-istqarrija ta' Vella, jibqax xi prova oħra barranija kontra tiegħu;

"Il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-proċess, issib li fil-

fatt hemm provi oħrajn;

"Jirriżulta li wara li Emmanuel Vella ġie arrestat hu kien mar mal-Pulizija Għawdex fejn hemmhekk hu indikalhom għalqa fejn suppost li hu kien ikkoltiva l-pjanta Cannabis; indikalhom "*container*" li kien fih żerriegħa tal-Cannabis ġerminabbli u uriehom ukoll landa bil-flus li kien il-qliegħ min-negozju tat-traffikar tad-droga. Indikalhom ukoll fl-aħħarnett, meta kien Malta, il-garaxx f'San Ġwann fejn kien storja l-ħaxixa (40 xkora) (17.434 *kilos);*

*Omissis;*

"Dawn l-ammissjonijiet ta' l-imputat Vella saru qabel sar l-*istatement* u kien hu personalment li indikahom, f'Għawdex anke fil-presenza tal-familja tiegħu;

"Huwa veru li f'Għawdex Vella indika għalqa fejn allega li kkoltiva l-Cannabis, però wara rriżulta mill-eżamijiet forensiċi li dina ma kien fiha ebda traċċa ta' Cannabis. Però Vella seta' faċilment jindika għalqa b'oħra u l-Pulizija dak il-ħin bl-ebda mod ma tkun tista' tikkontrollah. Mhux neċessarjament għax kien sfurzat indika dik l-għalqa;

"Dwar il-kontestazzjoni li ċ-ċwievet tal-garaxx ta' San Ġwann, instabu fil-vann li kien għal xi mumenti fil-pussess ta' Lydia Cauchi, il-Qorti tirrileva li meta Vella indika lill-Ispettur Mifsud il-garaxx f'San Ġwann, Vella personalment fetaħ il-garaxx, u wera lill-Ispettur il-ħaxixa fejn kien storjaha, u fl-ebda mument ma qallu li ċ-ċwievet ma kinux tiegħu, jew li l-ħaxixa kien qiegħda hemmhekk ħaddieħor. Il-proprjetarju tal-post Joseph Borg, xehed li hu kien kera l-garaxx lil Vella u lil ħadd

aktar. Il-vann li nqabdet bih Lydia Cauchi kien ta' Emmanuel Vella u Vella nqabad u ġie arrestat mill-Pulizija fil-viċinanzi taddar ta' Lydia Cauchi;

"Dwar l-ammont ta' ħaxixa li dwarhom hemm prova kontra Vella, u ċjoè 40 pakkett (17.434 *kilos)* dawn żgur ma kinux għall-użu personali ta' Emmanuel Vella, imma kienu lesti biex jinbigħu u jiġu ttraffikati;

"Illi għalhekk il-Qorti *tikkonkludi dwar* il-ħtija ta' Emmanuel Vella, li *nonostante* l-esklużjoni ta' l-*istatement* li hu kien għamel, il-provi barranija li hemm iwasslu għall-ħtija tiegħu għal dak li jirrigwarda pussess u traffikar tal-pjanta Cannabis però mhux għall-akkuża dwar il-koltivazzjoni ta' l-istess pjanta;

"Illi l-imputata Lydia Cauchi ssollevat id-difiża ta' *"Entrapment"*, billi ssostni li kieku ma kienx għall-pressjoni kontinwa tal-Pulizija, hija ma kinitx tasal biex tikkommetti ir-reati in kwistjoni. Hi ssottomettiet li hi ġiet *"enticed"* jew "imqabbda" mill-Pulizija biex tipprokura d-droga u mhux maqbuda mill-Pulizija. Hi tikkontendi li l-prosekuzzjoni trid tipprova kontra tagħha *"beyond a reasonable doubt"* li hi kienet *"predisposed to engage in criminal conduct"* u li kellha kondotta ħażina;

"Illi *'entrapment'* hu wieħed mill-metodi użati mill-Pulizija *'to detect and apprehend one whom they suspect is about to commit a crime by providing him with, or urging him to take advantage of, an opportunity to do so'*. Ġew użati termini bħala *'trap, trapper, informer, decoy, spy, stool, pigeon, agent provocateur'*;

"Dan il-metodu hu ġeneralment ikkundannat u ġustifikat li jintuża biss f'okkażjonijiet speċjali u għar-raġunijiet segwenti u ċjoè:

*"Entrapment is used mainly to detect consensual crimes operating against the public at large rather than against particular victims of drugs, prostitution, pornography, abortions, etc. The police use these methods of detection because:*

*(A) These crimes often involve a willing exchange of goods and services and this means that there is no victim to complain or provide evidence;*

*(B) Many of these crimes occur secretly and leave behind little or no real evidence. So if evidence is to be obtained traps must be used;*

(Ara: *"The Problems of Entrapment"* ta' *J.D. Haydon Cambridge Law Journal Nov. 1973 Pg. 268 – 286);*

"X'inhi l-posizzjoni legali ta' persuna li tiġi intrappolata? X'responsabbilità kriminali għandhà?

"Il-posizzjoni legali fl-Ingilterra ġiet spjegata b'mod ċar fl-artikolu li deher fil-*Criminal Law Review* ta' l-1975 f'paġni 12 sa 14 fejn l-awtur beda biex qal li:

*"The English Courts have formulated few, if any, rules of law dealing with the use of informers, and agents provocateurs by the police or other agencies";*

u kkonkluda li l-posizzjoni preżenti, almenu s'issa, hi li:

*"The so called defence of 'entrapment' which found some place in the law of the U.S. found no place in our law. If a crime was brought about by the activities of some who could be described as an 'agent provocateur', although, that might be important as regards sentence, it did not affect the question of guilty or not guilty".* (Ara *McEvilly (1974)* u *Court of Appeal "Mealey and Sheridan" The Times July 29, 1974) 60 Cr. App. R59 R vs Sang 1979 69 Cr. App. R282 H.L. Archbold 42nd Ed. Pages 15 – 74; Cross on Evidence 5th Edition Pgs. 35 – 36";*

Il-posizzjoni fl-Ingilterra ġiet ikkritikata bħala waħda riġida wisq u fil-fatt il-*Law Commission* qed taħdem biex tipproponi jekk id-difiża ta' '*entrapment*' għandhiex tidħol fil-liġi Ingliża almenu f'ċerti każi. Il-kritika prinċipali hi fis-sens li f'ċerti każi l-mitigazzjoni tal-piena waħedha m'hix biżżejjed billi tista' tibqa' tebgħa fuq min mhux kriminali meta dana jiġi ddikjarat ħati u anke billi għall-pulizija huwa biżżejjed jekk jirnexxilhom jakkwistaw *conviction* u l-mitigazzjoni tal-piena għalihom mhux ser twaqqafhom milli jkomplu jużaw dana l-metodu forsi anke f'każi fejn l-użu ta' dan il-metodu ma jkunx ġustifikat;

"Il-posizzjoni Amerikana hi li dina d-difiża ġiet rikonoxxuta meta persuna tiġi intrappolata u konsegwentement għandha tiġi lliberata. Il-*leading cases* huma dawk tas-*Supreme Court, Sorrells vs U.S. (1932) u* u *Sharman vs U.S. (1958);*

*"There is entrapment when the criminal design originates, not with the accused, but is conceived in the mind of the government officers. An important question is whether the defendent was 'innocent and law abiding', whether the offence was one of the like which he had never been guilty, either in thought or in deed, and evidently never would have been guilty*

*of if the officers of the law had not inspired, incited, persuaded and lured him to commit it''*; (Ara *Criminal Law Review ''Informers and Agents Provocateurs'' by J.D. McClean 1969)*;

''Il-posizzjoni Amerikana ġiet ikkritikata wkoll, u anke fl-istess sentenzi fejn id-duttrina ġiet aċċettata, kien hemm *minority view* li ma taqbilx kemm dwar il-bażi tad-duttrina ta' l-*entrapment* kif ukoll dwar lejn x'hix wieħed għandu jħares, u ċjoè jekk hux lejn il-''*predisposition*'' ta' l-akkużat jew inkella lejn l-''*unacceptable police conduct*'';

*Omissis;*

''X'inhi l-posizzjoni legali f'Malta dwar *entrapment?* Il-liġi tagħna ma tirrikonoxxi ebda *'substantive defence' of entrapment'*, u f'każijiet bħal dawn, il-Qrati tagħna dejjem imxew fuq il-ġurisprudenza Ingliża f'materja ta' proċedura kriminali u *'Law of Evidence'*, ħlief meta ma ġiex ipprovdut xort'oħra;

''L-*'exclusionary rule of evidence'* kif applikata fl-Istati Uniti, ma ssib ebda lok fil-liġi tagħna u dana ġie kkonfermat fis-sentenza ta' l-App. Kriminali ''Il-Pulizija *vs* Grazzju Spiteri tal-8 ta' Marzu, 1984'';

''Illi għaldaqstant il-Qorti f'din is-sitwazzjoni trid issegwi l-liġi Ingliża, teżamina każ każ il-fatti speċje tiegħu, u jekk jirriżulta, li kien hemm xi kwalità ta' *entrapment,* tieħu dan il-fatt in konsiderazzjoni għall-mitigazzjoni tal-piena, liema mitigazzjoni tvarja minn każ għal ieħor, skond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ;

"Niġu issa għall-provi li hemm fil-proċess kontra l-imputata Lydia Cauchi;

*Omissis;*

"Fl-*istatement* tagħha Cauchi qalet:

"Kulħadd kien jaf x'konna ser nagħmlu u x'konna ser inbigħu";

"Anke jekk kien hemm xi kwalità ta' *entrapment,* mill-proċess ma jirriżultax li kien hemm '*unacceptable police conduct*' tali li jġiegħel lill-Qorti, li kieku kellha dina l-possibbilità, li tiskarta l-prova ottenuta permess ta' l-*entrapment.* F'dan il-każ il-Pulizija aġixxiet b'mod li *"it entrapped only those ready and willing to commit crime"* kif ser naraw issa;

1. Fil-fatt il-Pulizija ma abbużawx minn di debolezza ta' Lydia Cauchi (bħal xi *drug addiction)* biex wara li jwaqqgħuha u tipprokuralhom id-droga, iduru kontra tagħha;

2. Dina Lydia Cauchi aġixxiet bħala waħda minn organizzazzjoni fejn il-parti tagħha kienet waħda attiva għall-aħħar - hi mhux biss ipprokurat id-droga, ħadet ħsieb in-negozju u operazzjoni ta' kif kellha tiġi *delivered,* imma saħanistra saqet l-istess vann bil-ħaxixa fih biex twassalha fid-destinazzjoni tagħha, u rranġat kif kellhom jinqasmu l-flus;

3. L-ammont ta' droga li Lydia Cauchi pprokurat lil Charlie kien wieħed mill-akbar li kien inqabad f'Malta, u ma kinitx kwistjoni ta' xi *'joint';*

4. P.S. Charles Cassar xehed li hu kemm staqsa lil Cauchi jekk kellhiex droga u hi qaltlu, iva. Dan la heddidha u lanqas uża pressjoni fuqha;

5. F'dan il-każ l-*entrapment* sar permezz ta' surġent tal-Pulizija li kien ordnat mis-superjuri tiegħu biex jinvestiga każ ta' traffikar ta' kwantitajiet kbar ta' droga, u s-superjuri tiegħu kienu jafu x'qed jagħmel, u ma kienx każ ta' xi kriminali mqabbad mill-Pulizija biex jaqbad lil ħaddieħor;

6. L-ebda mara tad-dar għax issaqsiha jekk għandhiex droga, ser iġġiblek 200 borża cannabis, fi żmien umejn u tiddeliverjah hi personalment b'vann. Kif ġie rritenut fil-kawża *"People vs Toler" (1962) "speed of delivery coupled with an elaborately safeguarded system of delivery precludes the defence of entrapment";*

"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi li l-akkużi kontra l-imputata Lydia Cauchi jirriżultaw ukoll sodisfaċentement ippruvati, salv dak li ser jingħad aktar 'il quddiem dwar il-mitigazzjoni tal-piena;

"Illi d-difiża ta' l-imputat Michael Camilleri hi fis-sens li l-parti li hu ħa fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati kienet waħda insinifikanti, u li hu ssokkomba biex jagħmel hekk minħabba pressjoni li kellu fuqu u għalhekk għandu jingħata trattament speċjali;

"Illi l-Ispettur Mifsud dwar dan l-imputat, xehed li dan kien qallu li huwa kien jaf b'dak kollu li kien qed isir. Xogħlu kien li joqgħod għassa wara l-vann, u kellu jagħmel sinjal lil Lydia Cauchi jekk jara xi ħaġa ħażina biex hi tistartja u titlaq";

"Dan kollu ġie kkonfermat fl-*istatement* ta' l-imputat Camilleri fejn żied jgħid ukoll li kien jaf li l-vann kien mgħobbi bil-ħaxixa u li kellu joqgħod għassa għall-karrozza *Mini* tal-kiri, kulur ċelesti ta' dak li kellu jixtri l-ħaxixa;

*Omissis;*

"Illi għalhekk anke l-akkużi kontra l-imputat Camilleri ġew ippruvati;

"Dwar piena, il-Qorti kieku kellha quddiemha *'clear cut case'* ma kinitx taħsibha darbtejn biex tapplika l-piena massima; u dana minħabba l-ammont ta' droga involut, u l-fatt li hawn *si tratta* ta' *"organised crime"* jew organizzazzjoni bi skop kriminali lesta biex tagħmel profitt minn fuq is-saħħa u l-ħajja tan-nies speċjalment taż-żgħażagħ; però kif ġà ġie aċċennat, f'dan il-każ, hemm konsiderazzjonijiet dwar *'police conduct'* eż: il-metodu ta' l-*entrapment* u t-teħid ta' konfessjoni bl-użu tal-forza, li jħallu l-Qorti perplessa, billi hemm il-perikolu li jekk dawn il-metodi ma jiġux imrazzna jistgħu jwasslu, kif fil-fatt wasslu, fil-każ ta' Vella biex isir abbuż ta' poter. Illi għalhekk, għalkemm il-ħtija ta' l-imputati kollha ġiet stabbilita, il-piena ser tiġi mitigata in forza taċ-ċirkostanzi li fihom il-provi kontra tagħhom ġew ottenuti u anke *'to alliviate any sense of injustice felt by the accused'*. Però dina l-mitigazzjoni ma tistax tkun sostanzjali għaliex *'complete acquittal will not be appropriate nor even demanded by any sense of fairness'* ġaladarba l-ħtija ta' l-imputati hija stabbilita";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Emmanuel Vella ppreżentat fit-28 ta' Jannar, 1986 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-

parti liberatorja tagħha u tirrevokaha fil-parti kondannatorja tagħha u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Lydia Cauchi ppreżentat fit-28 ta' Jannar, 1986 lil permezz tiegħu talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull ħtija u piena;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Michael Camilleri ppreżentat ukoll fit-28 ta' Jannar, 1986 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru, 1986 quddiem din il-Qorti, fl-istess seduta meta l-kawża suppost kellha tiġi deċiża peress li dak kien differiment għas-sentenza l-appellanti Lydia Cauchi ma dehritx għalkemm imsejħa diversi drabi f'ħinijiet differenti. Fis-seduti kollha preċedenti kienet dejjem dehret;

Fl-istess seduta deher il-konsulent legali tagħha li ssottometta li l-appell tagħha ma setax jiġi ddikjarat deżert fit-termini ta' l-artikolu 422(1) tal-Kap. 9 (ġà 434(1) tal-Kap. 12) u dan peress li dak l-artikolu japplika għal meta l-appell ikun ser jiġi ttrattat u mhux għal meta l-appell ikun tħalla għas-sentenza;

L-artikolu 422(1) tal-Kap. 9 salv f'ċerti każi d-dritt għar-rijappuntament jipprovdi għad-deżerzjoni ta' l-appell, "jekk fil-jum *tas-smigħ ta' l-appell, l-appellant ma jidhirx*";

Quddiem din il-Qorti l-proċedura hija waħda sommarja, għandha ssegwi immedjatament it-trattazzjoni u hu kontro-*indikat ħafna li jsir separazzjoni tal-proċess ġudizzjarju li jifforma* l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'żewġ partijiet b'mod li jiġi stultifikat l-istess skop tal-liġi. Infatti jidher li hemm konsiderazzjonijiet supremi li wasslu lil-leġislatur li jipprovdi li tagħmel eċċezzjoni għall-massima li l-proċeduri kriminali għandhom dejjem kondotti fil-presenza ta' l-imputat;

Fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-Ewwel konsiderazzjoni prinċipali hija li jekk *si tratta* ta' appell tal-ħati *si tratta* wkoll ta' sentenza ta' kundanna li fil-kors normali tal-proċeduri jkollha l-esekuzzjoni tagħha sospiża pendenti l-eżitu ta' l-appell. Kieku l-ħati appellant, bis-sempliċi assenza tiegħu (anki jekk din tista' talvolta timportalu telf ta' pleġġ), jista' jwaqqaf l-appell milli jimxi 'l quddiem u b'hekk iżommu sospiża l-esekuzzjoni tas-sentenza. Dana għaliex ir-regola hi li ma jista' jsir xejn jekk mhux fil-presenza tiegħu. Jekk dan hu hekk ma jistax ma jkunx l-istess fil-każ tad-differiment għas-sentenza. Fil-fehma tal-Qorti din hi l-unika interpretazzjoni plawsibbli u dan hu kkonfermat anki mill-para. (2) ta' l-istess art. 422 tal-Kap. 9. Dan is-sub-artikolu jistipula li meta ma jidhirx l-appellat, il-Qorti tisma' l-appellant, u tagħti s-sentenza skond il-liġi. Kieku ma kinitx għal dan is-sub-aritkolu kieku meta f'każ ta' liberazzjoni ta' l-imputat jappella l-Avukat Ġenerali kieku l-appell jista' jiġi miżmum milli jimxi 'l quddiem billi l-imputat sempliċement ma jidhirx;

Din il-Qorti għalhekk hi tal-fehma li l-kliem "fil-jum tas-smigħ ta' l-appell" fl-artikolu 422(1) tal-Kap. 9 jinkludi oltre l-ewwel jum tas-smigħ anki kull differiment sussegwenti nkluż id-differiment għas-sentenza;

Billi jirriżulta li l-artikolu 422(1) tal-Kap. 12 huwa applikabbli f'dal-każ għall-appell ta' Lydia Cauchi tiddikjara fit-termini ta' l-istess artikolu l-appell ta' l-istess Lydia Cauchi bħala deżert;

Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkunsidra l-appell ta' Emmanuel Vella;

*Omissis;*

Kwantu għal mertu ta' l-appell ta' l-imputat Vella din il-Qorti hi tal-fehma li assolutament m'għandhiex x'iżżid fuq dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti li fil-konklużjonijiet tagħha u fil-konsiderazzjonijiet tagħha kienet eżatta. Infatti fil-fehma ta' din il-Qorti l-parti relattiva tas-sentenza appellata hija ineċċepibbli u għalhekk l-appell ta' Vella mhux ser jiġi kkunsidrat ulterjorment. Din il-Qorti tgħid biss li hi arċikonvinta mill-ħtija tiegħu;

Ikkunsidrat fuq l-appell ta' l-imputat Michael Camilleri;

Omissis;

Dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravi din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aħjar jiġu kkunsidrati flimkien għax it-tlieta li huma jirrigwardaw in-nozzjoni ġuridika tat-tentattiv ta' reat;

Ikkunsidrat għalhekk:

Illi kif ingħad mill-"*Cassazione*" Taljana *in re P.M. Raganella "l'idoneità è un requisito intrinseco dell'azione, da valutarsi in concreto e cioè con riferimento alle particolari circostanze del caso di specie; tuttavia, tale valutazione va operata, con giudizio ex ante e non ex post, sulla base delle circostanze di fatto note all'agente o conoscibili dall'uomo medio nel momento in cui l'azione viene posta in essere, al fine di stabbilire se questa presenta caratteri di attitudine e di adeguatezza rispetto all'evento a cui tende, prescindendosi dagli effettivi* risultati che abbia potuto concretament conseguire";

Issa fid-dottrina hu saput li biex jista' jingħad li *si tratta* ta' reat impossibbli "*l'indoneità dagli atti deve essere assoluta, in rapporto all'evento voluto, con valutazione astratta dell'efficienza strutturale e strumentale del mezzo, che non deve consentire neppure un'attuazione eccezionale del proposito criminoso*" (Hermann. Casaz. Taljan. Sez. I 14-11-74);

F'dan l-isfond trid tiġi vestita l-parteċipazzjoni ta' l-aġent provokatur fin-negozju kollu biex jiġi stabbilit din teskludix ir-reat u allura anki t-tentattiv;

Minn riċerki li għamlet din il-Qorti fil-ġurisprudenza tagħna ma jeżistux sentenzi li nvestew din il-materja u għalhekk din il-Qorti eżaminat is-sitwazzjoni fid-dottrina u fil-ġurisprudenza Taljana li effettivament tattalja tajjeb għas-sistema tagħna u anki għall-kunċetti ta' tentattiv ta' reat kif addottati minn dawn il-Qorti tul is-snin;

Fis-sentenza tal-*Cassazione* Taljana Sez. I tas-17 ta'

Diċembru, 1970 nru. 3014 *in re Arena ed altro* fejn sotto-uffiċjal tal-*Publica Sicurezza* kien lagħab il-parti ta' persuna interessata tixtri sustanzi stupefaċenti u fil-fatt xtara minn dawn is-sustanzi biex setgħu jinqabdu t-traffikanti ngħad hekk:

*"La attività dell'agente provocatore non esclude il reato quando l'impossibilità dell'evento non dipende dalla inidoneità assoluta dell'attività posta in essere dall'imputato, e cioè dalla originaria inefficienza causale dell'azione ai fini della produzione dell'evento stesso";*

Fis-sentenza *in re* Herman *sup. cit.* l-istess Qorti qalet: *"Per tanto, l'attività dell'agente provocatore, al pari dell'intervento della polizia, è causa estrinseca per nulla incidente sulla attuazione della condotta del reo a raggiungere il risultato che era nei suoi propositi, sicchè gli atti da lui compiuti conservano precisamente la loro efficienza causale e sintomatica";*

L-istess *"Cassazione"* Sez. I fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 1971 *in re* P.M. Raganella *et altri* ġà ċċitata qalet ukoll illi:

*"Per tanto, la partecipazione dell'agente provocatore (nella specie in veste di fictus emptor) ed il preordinato intervento della polizia, non rientrando nel novero delle circostanze conoscinte o preventivabili dall'agente, si profilano come fattori estrinseci ed indipendenti dall'azione, i quali, esulendo dall'anzi detto giudizio "ex ante", non elidono l'originaria idoneità ed adeguatezza della condotta, posta in essere dall'agente ed inequivocabilmente diretta alla commissione di un determinato reato";*

Fl-isfond ta' dak li għadu kif ingħad fil-każ in diżamina din

il-Qorti sempliċement ma tarax kif wieħed jista' jitkellem fuq reat impossibbi għax ċertament ma tirriżultax l-impossibilità assoluta li trid il-liġi biex jiġi eliminat it-tentattiv tar-reat;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' Emmanuel Vella u Michael Camilleri billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma fil-konfront tagħhm is-sentenza appellata tas-17 ta' Jannar, 1986. Tikkonferma wkoll il-konfiski ordnati u d-distruzzjoni tad-droga esebita salv li dan jista' jsir wara li l-prosekuzzjoni tiddikjara permezz ta' nota li m'għandhiex ħtieġa ta' l-istess esebit għall-fini ta' proċeduri oħra li jista' jkun hemm pendenti.